2 ta' April, 1955

**Imħallef:**
Chev. Onor. Dr. W. Harding, B.Litt., LL.D.

Il-Pulizija *versus* Teresa Borg

## Prostituzzjoni — Art. 9 tal-Kap. 109

*Il-liġi tipprojbixxi lil kull min għandu ħanut, alloġġ jew lukanda, jew appartament privat, milli jħalli jew jippermetti li dak il-ħanut, alloġġ jew lukanda, jew appartament privat, jew xi parti minnhom, jiġu użati bħala post ta' laqgħa għal skop ta' prostituzzjoni jew għal skopijiet oħra immorali.*

*Dan id-disposizzjoni għandu jiġi interpretat fis-sens li hemm dan ir-reat mhux biss meta l-attijiet immorali jiġu kommessi f'xi wieħed minn dawk il-postijiet jew f'xi parti minnhom, imma anki meta f'dawk il-postijiet, jew f'xi parti minnhom, isiru l-appuntamenti biss, u mbagħad l-attijiet isiru band'oħra.*

Il-Qorti; — Rat l-atti kompilati quddiem il-Qorti tal-Maġistrati bħala Qorti Istruttriċi kontra Teresa Borg, fuq l-imputazzjoni talli f'dawn l-aħħar sitt xhur, ir-Rabat, (1) xjentement għexet, għal kollox jew f'parti, minn fuq il-qliegħ tal-prostituzzjoni ta' persuni oħra, billi kienet tgħix jew soltu tkun ma' nisa li jeżerċitaw il-prostituzzjoni, u li kkontrollat, mexxiet jew kellha ħakma fuqhom b'mod li juri li hi qegħedha tgħin, tħajjar jew iġġiegħel il-prostituzzjoni tagħhom ma' persuni oħra; (2) talli, bħala proprjetarja ta' ħanut magħruf bħala l-"Harvest Moon Bar", li jinsab nru. 5 Rampart Walk, Rabat, post frekwentat jew magħdud bħala li huwa ffrekwentat għal skopijiet immorali, (sic) ippermettiet l-istess ħanut jiġi użat bħala post ta' laqgħa għal skop ta' prostituzzjoni jew għal skopijiet oħra immorali; (3) u talli impjegat fl-imsemmi ħanut nisa bħala "barmaids" mingħajr il-permess tal-Kummissarju tal-Pulizija fil-waqt li kienet taf li dawn in-nisa ma humiex liċenzjati;

Rat it-talba tal-Pulizija għas-sospensjoni tal-liċenzi li hemm maħruġa fuq l-imsemmi ħanut magħruf "Harvest Moon Bar", ta' nru. 5 Rampart Walk, Rabat;

Rat in-nota ta' l-Attorney General tal-5 ta' Jannar, 1955, li biha l-imsemmija attijiet ġew mibgħuta lura lill-Qorti tal-Maġistrati bħala Qorti ta' Ġudikatura Kriminali, ħalli l-istess tiddeċidi dwar il-ħtijiet ta' kompetenza tagħha li jistgħu jinstabu taħt dak li hemm maħsub ...... barra kull ċirkustanza oħra;

Rat is-sentenza ta' dik il-Qorti tat-2 ta' Frar, 1955, li biha sabet lill-imsemmija Teresa Borg mhux ħatja ta' l-ewwel imputazzjoni, iżda ħatja tat-tieni u t-tielet imputazzjoni, u kkundannatha għall-piena tal-lavuri furzati għal żmien tliet xhur;

Rat ir-rikors li biħ l-imputata talbet li tiġi riformata d-deċiżjoni fuq imsemmija, billi hi tiġi dikjarata mhux ħatja anki tat-tieni imputazzjoni;

Trattat l-appell;

Ikkunsidrat;

Kik jidher minn dak li ingħad, din il-Qorti hi investita biss bit-tieni imputazzjoni. Din hi illi l-imputata ppermettiet il-ħanut tagħha jiġi użat bħala post ta' laqgħa għal skop ta' prostituzzjoni;

Ma jidherx li l-fatti rilevanti għal dan l-appell, kif limitat, huma in kontestazzjoni. L-appellanti kellha impjegati magħha bħala "barmaids" lil ċerti Mary Zerafa u Gemma Camilleri. Diversi Awtraljani ta' l-Air Force Awstraljana kienu soltu jmorru fil-ħanut ta' l-appellanti biex jifthemu ma' waħda u/jew l-oħra minn dawn it-tnejn biex imorru magħhom fi flat tagħhom sabiex ikollhom relazzjonijiet karnali magħhom. L-appellanti kienet taf b'dak li qed isir, u kienet tiġbrilhom mingħand dawn l-Awstraljani ż-£2 li kull darba dawn kienu jħallsu għal dawn ir-relazzjonijiet. Il-prostituzzjoni attwali (vwoldiri l-attijiet sesswali) ma kienetx issir fil-ħanut, iżda fi flat li kellhom dawn iż-żewġ "barmaids". Fil-ħanut kienu jsiru biss ir-ranġamenti u l-ħlas;

L-artikolu li fuqu hi impernjata l-imputazzjoni in kwistjoni jgħid hekk (art. 9 Kap. 102 Ediz. Riv.): "Kull min għandu ħanut, alloġġ jew lukanda, jew appartament privat, u jħalli jew jippermetti li dak il-ħanut alloġġ, lukanda, jew appartament privat, jew xi parti tagħhom, jiġu użati bħala

post ta' laqgħa għal skop ta' prostituzzjoni jew għal skopijiet oħra immorali, jeħel.........";

It-teżi tad-difiża hi illi, peress li fil-ħanut kienu jsiru biss l-appuntamenti, u l-attijiet immorali kienu imbagħad isiru, mhux fil-ħanut, iżda band'oħra, għalhekk ma tistax tiġi msejħa tirrispondi għal reat taħt dak l-artikolu;

Biex issaħħaħ it-teżi tagħha, id-difiża ġiebet in sostanza dawn l-argumenti: Kieku fl-artikolu in kwistjoni il-leġislatur kien qiegħed jirriferixxi għal appuntament biss, allura ma jkollhiex sens l-espressjoni "jew xi parti tagħhom" użata fl-artikolu, għax appuntament, għad-differenza ta' l-att immorali effettiv, ma tantx jikkomporta l-idea tad-distinzjoni bejn il-ħanut u parti minnu. Kieku l-artikolu kellu jiftiehem għal każ ta' appuntament biss, allura jiġi li l-leġislatur ried jikkolpixxi l-ipotesi minuri ta' appuntament għal treska pekkaminuża, u jommetti dik aktar gravi ta' użu effettiv tal-post għal att attwali ta' prostituzzjoni. Kompliet tgħid id-difiża li appuntamenti jistgħu jsiru kullimkien, u kwindi ma jiftihemx il-għaliex il-liġi riedet tikkolpixxi biss dawn l-appuntamenti ġo ħanut. Il-kliem tat-test Taljan antik "...... tollera o permette che tale fondo o qualunque parte dello stesso venga adibito come un luogo di incontri per scopi di prostituzione od altre pratiche immorali" jissuffragaw it-teżi tad-difiża, għax, osserva d-difensur, il-kliem li hemm "adibito come luogo di prostituzione" jimportaw li l-prostituzzjoni ssir hemm ġew stess, u mhux li ssir f'post divers, fil-waqt li hemm isir biss l-appuntament biex imorru f'post ieħor;

Din it-teżi tad-difiża ċertament timmerita studju u konsiderazzjoni; u biex tiġi rettament riżoluta l-kwistjoni nvoluta f'dan l-appell, li ma hijiex tant faċli u ċara kif forsi pprospettat il-Prosekuzzjoni fir-risposta tagħha, jeħtieġ li jiġu eżaminati l-punti sollevati;

L-imħallef sedenti fittex biex jara jieħux xi sussidju ta' interpretazzjoni mid-dibattiti tal-korp leġislattiv meta saret il-liġi, iżda sfortunatament ma hemm xejn in propożitu. Din il-liġi dwar il-"White Slave Traffic" ġiet magħmula l-ewwel darba bl-Ordinanza VIII ta' l-1918, meta kien hemm il-Kunsill tal-Gvern; u l-liġi ġiet immexxija fil-Kunsill mill-

allura Avukat tal-Kuruna Professur Dr. Michelangelo Refalo (wara, dan sar President Sir Michelangelo Refalo). Iżda ġara illi b'din il-liġi kien sejjer jiġi allura introdott f'Malta għall-ewwel darba, u għal din ix-xorta ta' delitt, il-kastig tal-frosta (art. 9), bil-"cat-o-nine tail", jew bil-"birch-rod"; u għal din l-innovazzjoni kien hemm oppożizzjoni popolari mhux żgħira. Iż-żewġ membri elettivi prinċipali, il-Prokuratur Legali Francesco Azzopardi u l-Prokuratur Legali Giuseppe Zammit, ikkonċentraw fuq dan il-pont, u saru diskorsi vivaċi tant mill-Avukat tal-Kuruna kemm minnhom (ara Debates, Vol. XXXIX, p. 214-219, 231-241); u għalhekk, peress li ntilfu fuq din il-kwistjoni, id-dettalji l-oħra ma tantx ġew elaborati, apparti li f'din il-liġi ta' l-1918 artikolu bħal dak in kwistjoni ma kienx hemm. Bl-Ordinanza XIX ta' l-1918 ġiet imneħħija l-piena tal-frosta. Imbagħad, bl-Ordinanza VIII ta' l-1930 (dik attwali tal-Kap. 102), ġew revokati dawk iż-żewġ ordinanzi, u l-liġi ġiet rimodellata. Issa, f'dak iż-żmien (1930) ma kienx hemm ebda korp leġislattiv, għax il-Kostituzzjoni kienet ġiet sospiża bil-"Malta (Temporary Government) Order-in-Council, 1930", u l-liġijiet, anki fuq materja mhux riżervata, kienu jsiru mill-Gvernatur. In konsegwenza, ebda ajjut ma jista' jiġi minn waħda mis-soliti fonti ta' interpretazzjoni, ċjoè id-dibattiti tal-korp leġislattiv;

It-test Ingliż, fil-parti rilevanti għal din il-kwistjoni, jgħid hekk: " ...... suffers or permits such shop ...... or any part thereof to be used as a place of assignation, for the purpose of prostitution or other immoral purposes";

It-test Malti jgħid: " ...... iħalli jew jippermetti li dak il-ħanut ...... jew xi parti tagħhom jiġu użati bħala post ta' laqgħa għal skop ta' prostituzzjoni jew għal skopijiet oħra immorali";

It-test antik Taljan kien jgħid: "...... tollera o permette che tale fondo o qualunque parte dello stesso venga adibito come luogo di incontri per scopi di prostituzione od altre pratiche immorali";

Il-pont hu jekk dawn il-kliem humiex tali li jimplikaw bilfors li, biex ikun hemm reat taħt l-artikolu, jeħtieġ li l-prostituzzjoni jew att immorali ieħor isir fil-post stess jew

jekk hux biżżejjed, għall-finijiet ta' l-artikolu, li fil-post isiru appuntamenti ta' prostituzzjoni, li mbagħad fil-fatt tespli-ka ruħha f'post ieħor;

L-Imħallef sedenti, wara li rrifletta tajjeb fuq il-kwist-joni, jaħseb li ma jistax jaċċetta t-teżi tad-difiża. Għal dawn ir-raġunijiet, prinċipalment:

1. Milli jidher, il-każ ta' użu effettiv ta' ħanut għall-prostituzzjoni fih stess hu kontemplat fl-art. 8 tal-liġi, li jikkolpixxi, "inter alia", bħala reat il-fatt ta' min iżomm...... ħanut li jkun frekwentat, jew magħdud li hu frekwentat, għal skop ta' prostituzzjoni jew skopijiet oħra immorali;

2. Il-każ ta' appuntamenti biss għal skopijiet immo-rali hu anqas gravi minn dak ta' użu effettiv tal-post għal dawn l-iskopijiet; u din id-differenza fil-gravità issib ir-rifless tagħha fid-differenza tal-piena bejn l-art 8 u l-art. 9;

3. Il-laqgħa li tissemma fl-art. 9 tista' tkun għal skop ta' prostituzzjoni "jew skop ieħor immorali"; u ċertament, anki meta l-att ta' prostituzzjoni ma jsirx "in situ", ġa la-darba jkunu qegħdin isiru fil-ħanut inkontri bejn nisa u rġiel biex imorru jagħmlu attijiet ta' prostituzzjoni banda oħra, dawn huma dejjem inkontri fil-ħanut stess *"għal sko-pijiet immorali"* fit-termini ta' l-artikolu;

4. L-espressjoni "jew xi parti tagħhom" ma hix osta-ttiva għal din l-interpretazzjoni ta' l-artikolu, għax talvolta l-leġislatur ried jevita evażjoni possibbli tal-liġi jekk dawn il-laqgħat għal appuntamenti jsiru, per eżempju, fil-"private" tal-ħanut, sabiex imputat taħt l-artikolu ma jkunx jista' jargumenta li l-laqgħat ma humiex qegħdin isiru fil-ħanut hekk proprjament imsejjaħ;

5. Ma jidherx li l-kliem tat-test *Taljan antik jista'* jvarja din l-interpretazzjoni; għax it-test Malti hu ripro-duzzjoni kważi letterali ta' dan it-test Taljan. Jekk, imba-għad, wieħed jieħu t-test Ingliż, li skond il-liġi għandu jip-prevali, il-kelma użata fih "assignation" hi imfissra fid-diz-zjunarji appuntu bħala "an appointment to meet, used chiefly of love-trysts, and mostly in a bad sense" (Chamber's Twentieth Century Dictionary);

6. *Il-Liġi Maltija* aktarx ġiet meħuda mill-Liġi Ingliża, u f'din il-liġi hu kontemplat ir-reat ta' titolari ta' ħanut li jippermetti l-ħanut tiegħu "to be the habitual resort or *place of* meeting of reputed prostitutes, whether the object of their so resorting or meeting is or is not prostitution". Vwoldiri, ma hux estraneu għall-Liġi Ingliża, li, kif ingħad, minnha ġiet ispirata l-Liġi Maltija, li tara reat anki fil-fatt ta' titolari ta' ħanut li jħalli l-ħanut tiegħu jservi bħala "*place of meeting*" *ta' prostituti*, għalkemm fil-Liġi Ingliża l-piena hi aktar miti (Licensing Act, 1953, s. 139) — Stone's "Justices' Manual, Vol. I, 1954 edition, p. 1232;

7. Il liġi riedet tikkolpixxi ħanut eċċ. aktar minn postijiet oħra, għaliex għalkemm, kif qalet id-difiża, appuntamenti *simili jistgħu jsiru* kullimkien, ħanut però tax-xorb ta' dan it-tip joffri aktar l-okkażjoni u l-ambjent li fiħ jiltaqgħu xorta ta' nisa u rġiel *inklinati* għal dawn il-prattiki;

8. Fl-art. 179 tal-Kap. 13 il-liġi mponiet fuq kull sid ta' ħanut li ma għandux "permit his premises to be the place *of meeting of persons* of notoriously bad character". Bl-istess mod, meta ġiet introdotta l-leġislazzjoni tal-"White Slave Traffic", il-liġi ma riedetx li s-sid ta' ħanut jippermetti li l-ħanut iservi bħala "place of meeting" (post ta' laqgħa — "luogo di incontri") għal nisa dediti għal din *il-ħajja ta' prostituzzjoni;*

9. Ladarba l-leġislatur ried jeqred dan il-gwaj, ma jidherx raġjonevoli li kien fi ħsiebu li jħalli barra fatt bħal dak li jifforma l-meritu ta' dan il-proċess, li ċjoè it-titolari ta' ħanut tippermetti, anzi tikkoopera billi tinkassa l-flus, kif fuq ingħad, *li l-ħanut* iservi biex, sistematikament, irġiel jiltaqgħu man-nisa impjegati tagħha biex jifthemu magħhom ħalli jmorru fil-flat tagħhom għal *skop ta' prostituzzjoni;* molto pjù li l-ftehim, f'każ simili, hu l-ewwel stadju tal-prostituzzjoni, li tikkonsuma ruħha sija pure band'oħra;

*Għalhekk il-Qorti taħseb* li l-fatt kommess mill-appellanti jaqa' taħt l-artikolu 9 fuq imsemmi;

Għal dawn il-motivi;

*Tiddeċidi* billi tirrespinġi l-appell u tikkonferma s-sentenza appellata.